MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 41(B'urġenza)

Is-Sibt, 18 ta' Novembru, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fit-8.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Johann Borg (JBO) Kunsillier

ASSENTI

Is-Sinjorina Michaela Maria Chrichop Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku informa li l-Kunsillier JBO ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta xogħol. Il-Kunsill laqgħa l-apoloġija

## 41.1 Proġett propost mill-GHRC Triq San Patrizju.

41.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament, fuq proposta tal-Viċi Sindku JB, li s-Segretarju Eżekuttiv jirraporta dwar laqgħa li saret mal-GHRC, li għaliha kienu mistednin il-Kunsilliera kollha.

41.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għal-laqgħa kien hemm preżenti il-Viċi Sindku JB, u l-Kunsillier AC. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel riferenza għall-pjanti tad-disinn li ġew mill-GHRC, u li ġew iċċikulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa, u spjega l-istess disinn. (Anness Dok A1, Dok A2)

41.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-proposta li tiġi ntrodotta sistema ta' *one way*, fejn Triq San Patrizju issir *one way* direzzjoni lejn il-Freeport, u fl-istess waqt, Triq San Filippu, issir *one-way* direzzjoni lejn Misraħ is-Summit.

41.1.4. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega il-proposta li Triq San Patrizju tiġi riġenerata billi jsiru bankini iktar wesgħin, jiżdied il-parkeġġ kif ukoll tinħoloq żona apposta għal kjosks, bl-imwejjed u siġġijiet, intenzjonati sabiex dawn jiġġeneraw introjtu finanzjarju għall-Kunsill.

41.1.5. Il-Viċi Sindku JB qal li ser ikun diffiċli li l-Kunsill ikollu introjtu finanzjarju mill-kjosks, minħabba li l-propjeta tkun trid tiġi devoluta lill-Kunsill mid-Dipartiment tal-Artijiet. Huwa informa li wkoll li fil-preżent ma hemm l-ebda kiosk mal-prominad ta' Birzebbuġa, u bl-introduzzjoni ta dawn il-*kjosks*, dan il-fattur ser jintilef.

41.1.6. Il-Kunsillier SZ qal li kien jippreferi li jekk huwa possibli, l-kummerċjalizzazzjoni ssir in-naħa tal-bini eżistenti, u lis–sistema tat-traffiku u l- parkeġġ huma idejat tajbin. Huwa rrimarka li l-*kjosks* u l-art tal-imwejjed u siġġijiet għandhom ikunu segregati fiżikament, biex ma jkun hemm abbużi.

41.1.7. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li taqbel mal-proġett ġaladarba dan jinkwadra max-xewqa tal-Kunsill li tiġi rijabilitata Triq San Patrizju, u li jiżdied il-kummerċ. Hija rrimarkat ukoll li jekk huwa possibli il-kummerċjalizzazzjoni ssir in-naħa tal-bini eżistenti.

41.1.8. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-possibilta' li d-disinn jinbidel kemmxejn, u li l-kummerċjalizzazzjoni ssir in-naħa tal-bini eżistenti ġiet diskussa, iżda l-periti tal-GHRC irrimarkaw dwar il-problema li hemm bini storiku (trunċieri) li possibilment jimpedixxi li l-proġett "jersaq".

41.1.9. Il-Kunsilliera LAG qablet mad-diversi punti mressqa mill-membri varji.

41.1.10. Il-Kunsillier AC irrimarka li huwa jaqbel li l-Kjosks isiru mhux iktar għoljin mil-latrina pubblika. Huwa qal ukoll li s-sistema tat-traffiku trid tiġi studjata iktar fid-dettal sabiex ir-residneti ma jiġux affetwati fin-negattiv.

41.1.11. Il-Kunsill iddiskuta liberament il-punti mressqa mill-Kunsillieri.

41.1.12. Is-Sindku JC ressaq mozzjoni, issekondata mill-Viċi Sindku JB, favur l-approvazzjoni tas-sistema tat-traffiku u parkeġġ propost mill-GHRC, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JC, JB, JBD, LAG)
Kontra: 2 (AC, SZ)

41.1.13. Il-Kunsill qabel unanimament favur li titressaq talba lill-GHRC sabiex il-bankina man-naħa residenzjali titwessa' kemmxejn iktar, u dan sabiex, f'każ li jsir żvilupp kummerċjali, u jitqegħdu imwejjed u siġġijiet fuq din il-bankina, ma jkunx hemm diffikulta' ta' aċċessibilta'.

41.1.14. Il-Kunsill qabel unanimament dwar il-proġett propost, sakemm jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet:

a) Ma jkunx hemm iktar minn 3 *kjosks* fil-prominad kollu
b) L-art tal-*Kjosks,* imwejjed u siġġijiet għanda tkun segregata fiżikament b'disinni u livelli adekwati , u mhux permezz ta' senjalazzjoni biss.

## 41.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

41.2.1. Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta' filgħodu.

Konfermati, illum 4 ta' Diċembru 2017.

IFFIRMATI

Joseph Baldacchino
Viċi - Sindku

IFFIRMATI

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv




Proposed Section

BLOCK H Triq Antonio Maurizio Valperga Valletta FRN 1700
Tel: +356 2248 2600

Grand Harbour
Regeneration Corporation

| | |
|---|---|
| PROJECT TITLE : BIRZEBBUGA REGENERATION | REF : -- |
| CLIENT : G. H. R. C | PROJECT No. : BBG-XXXX |
| DRAWING TITLE : Triq San Patrizju - Proposed Section | DWG. N° : 02-A3 |
| | SCALE : 1:100 |
| | DATE : 19-10-2017 |
| CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Gino Cauchi / PROJECT LEADER: George Azzopardi | REVISION N° : 00 |
| | DRAWN BY: S. Cassar |
| PROJECT MANAGER: Ivan Abela / ARCHITECT/PLANNER : Stefan Cassar | FILE : -- |




## Block Plan

scale 1:500



BLOCK H Triq Antonio Maurizio Valperga Valletta FRN 1700
Tel: +356 2248 2600

Grand Harbour
Regeneration Corporation

| | |
|---|---|
| PROJECT TITLE : | BIRZEBBUGA REGENERATION |
| REF : | — — |
| CLIENT : | G. H. R. C |
| DRAWING TITLE : | Triq San Patrizju - Block Plan |
| CHIEF EXECUTIVE OFFICER: | Gino Cauchi |
| PROJECT LEADER: | George Azzopardi |
| PROJECT MANAGER: | Ivan Abela |
| ARCHITECT/PLANNER : | Stefan Cassar |
| PROJECT No. : | BBG-XXXX |
| DWG. N° : | 01-A1 |
| SCALE : | 1:500 |
| DATE : | 19-10-2017 |
| REVISION N° : | 00 |
| DRAWN BY: | S. Cassar |
| FILE : | -- |